20 ta' Lulju 2021

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 9 AUG 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

*Nru. ta' l-Applikazzjoni:* *PA/391/21*
*Lokazzjoni:* *Carmen's Bar, Slipway, Ghar Lapsi, Siggiewi*
*Proposta:* *Propose sanctioning of approved permit PA 1561/15 including WC partition and changes to apertures on facade. Sanctioning also includes the placing of a timber platform to hold outdoor tables and chairs as indicated.*
*Ref. Taghna:*
*Ref. Tribunal:*

**Gilbert Borg**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant Gilbert Borg jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fl- 14 ta' Lulju 2021, l-istess Kummissjoni irrifjutat il-permess.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi certament li r- raguni tar-rifjut m' hijiex sostenibbli.
1.2 Illi kuntrarju ghal dak allegat, il-proposta hija in linea mal policy li tirregola l-Outdoor Catering Areas on Public Open Space.
1.3 Illi l-argument illi l-proposta ghandha tigi michuda ghaliex hija fuq Public Open Space hija kontradittorja ghall-istess policy li hija fil-fatt policy intiza sabiex tirregola l-Outdoor Catering fuq Public Open Space.
1.4 Illi l-istess decizjoni hija ibbazata fuq kunsiderazzjoni fattwali li huma zbaljati.
1.5 Illi oltre dan l-Awtorita injorat kompletament il-fatti rilevanti ghall-kaz odjern u uzat kunsiderazzjonijiet irrilevanti.
1.6 Illi l-istess decizjoni hija diskriminatorja u mhux ibbazata fuq kunsiderazzjonijiet ekwi tant illi applikazzjonijiet simili kienu u ghadhom qeghdin jigu approvati mill-Awtorita appellata u b' hekk din l-applikazzjoni, anke a bazi tal-principju cerimus paribus ghandha ukoll tigi approvata.
1.7 Illi l-posizzjoni tal- MTA certament ma tistax tittiehed kontra l-applikazzjoni stante li fl-ebda stadju ma tressqet xi oggezzjoni mill-MTA. Applikati il-principji tal-Ligi, il-posizzjoni tal-MTA anzi ghandha tigi mehuda bhala no objection. Oltre dan, fil-mori ta' l-applikazzjoni kemm l-MTA kif ukoll it-TM hargu in-no onjection taghhom.
1.8 Illi f' kull cirkostanza ohra l-applikazzjoni hiaj konformi mal-policies vigenti u applikabbli li jirregolaw is-sit de quo.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-

applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Xiedha: Ufficjali ta' l-Awtorita, konsulenti (esterni u interni) sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u l-permessi li ghalihom issir referenza fl-appell

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**